51

ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
15 FEB 2022
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

14 ta' Frar 2022

**Tribunal ta' Revizjoni**
**tal-Ambjent u l-Ippjanar**
**Floriana**

| | |
|---|---|
| *Nru. ta' l-Avviz:* | *EC 7/22* |
| *Lokazzjoni:* | *Triq il-Marga, Bahrija, limiti tar-Rabat, Malta* |
| *Ref. Taghna:* | |
| *Ref. Tribunal:* | |

**Giovanna Camilleri**

**vs**

**L-Awtorita' ta' l-Ippjanar**

L-Appellanti Giovanna Camilleri tesponi bir-rispett:-

Illi fis-sena 2022 hija giet notifikata bl-avviz fuq imsemmi.

Bid-dovut rispett, l-appellant thossha aggravata minn din id-decizjoni, u ghaldaqstant qeghda tissottometti dan l-appell quddiem it-Tribunal ghar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (it-Tribunal).

Flimkien ma' din is-sottomissjoni qed jigu annetti:-

- Kopja ta' l-Avviz ta' l-Awtorita li qed tigi appellata (Dok JA1).
- L-Ircevuta tal-hlas tad-dritt ta' l-appell (Dok JA2).

L-appellanti tissottometti ghal kunsiderazzjoni tat-Tribunal dan li gej;

1.1 Illi kuntrarju ghal dak allegat fl-istess Avviz, m' huwiex minnu illi l-appellanti ghamlet xi zvilupp illegali.

1.2 Illi sta ghall-Awtorita li tipprova jekk l-appellanti ikkommettiet illegalita, u l-Awtorita ma tistax b' mod mhux oggettiv tohrog avviz minnghajr ma tindika xi prova ghandha li kienet hija li ghamlet l-izivlupp illegali.

Ghaldaqstant, l-appellant qed jitlob li l-*files* li ssir referenza ghalihom fil-process odjern jigu vverifikati mit-Tribunal u dan billi l-Awtorita' ghandha tigi mitluba sabiex tipprezenta l-*files* msemmija minnu lit-Tribunal, u in segwitu ta' dan l-istess Tribunal ghandu jhassar id-decizjoni ta' l-Awtorita u jannulla l-istess Avviz, u dana taht, u minnghajr pregudizzju ghal kull decizjoni jew provvediment iehor li joghgbu jiehu dan it-Tribunal.

Bir-Rispett,

Elenku tax-xiedha:

1. Il-Kummissarju ta' l-Artijiet jew rappresentant jew is-successur tieghu sabiex jixhed fuq il-fatti.
2. Xhieda ohra li jistghu jixdhu fuq licenzji u permessi, kif ukoll ir-regolatur ta' l-istess.

**Av. Ian J. Stafrace**
**9/4 Britannia House**
**Old Bakery Street**
**Valletta**